**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 749/19 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**vs**
**Ahmed Lamlum**

**Illum, 25 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ahmed Lamlum ta' 23 sena, iben Antoinette nee` Chircop imwielda Pieta' nhar it-3 ta' Awwwissu 1996, u residenti gewwa numru 21, My Rani, Triq Guzeppi Agius, Paola, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 333696M

Akkuzat talli:

Fix-xahar ta' Novembru 2019, u fix-xhur ta' qabel gewwa l-hanut bl-isem 'TA' KALC', sitwat Haz-Zabbar, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienjiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq u aggravat bil-kwalifika tal-valur u tal-persuna u dan ghad-dannu ta' Glen Chris Farrugia u Michaela Vella u/jew persuni ohra u

dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261, 268(d), 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputat, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif ippruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi; u

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 20, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 15A, 18, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikajra fis-seduta datata 23 ta' Marzu 2022 jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat sommarjament u dan wara li nqraw l-artikoli hawn fuq indikati.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta tal-lum u cioe' l-25 ta' Jannar 2023 ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jisa' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu. Illi dwar il-piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat naqas milli jirregistra din l-ammissjoni fi zmien bikri ta' dawn il-proceduri, din saret biss wara li l-prosekuzzjoni kienet lahqet ghalqet il-provi u tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat hallas parti mill-bilanc mertu ta' dawn il-proceduri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261, 268(d) u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erbgha (4) snin mil-lum u tordna li ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-hati jrodd lura lil Glen Chris Farrugia u Michaela Vella, s-somma komplessiva ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) fi zmien sitt xhur mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B talKapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u x'jigri jekk ma jhallasx l-ammont ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) fiz-zmien prefiss.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**